# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 27 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 52.**

**Citazz. Nru. 1460/00 JRM.**

**C. Fino & Sons Limited**

**vs**

**Joseph u Miriam konjugi Agius.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' elf, mija u sebgha liri maltija (Lm1,107) import ta' disa' (9) kambjalijiet enumerati minn 41387 sa 41395 tal-valur unitarju ta' mija u sebgha u ghoxrin lira maltija (Lm127)

u li fuq l-ewwel kambjala ghad baqa' bilanc ta' wiehed u disghin lira maltija (Lm91), liema kambjalijiet huma accettati, skaduti pero' mhux onorati mill-konvenuti, u dana kollu kif jidher mill-statement hawn unit u markat Dok "A";

Illi s-socjeta attrici nterpellat lill-konvenuti inutilment biex ihallsu l-ammont dovut minnhom;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' LM1,107 import ta' 9 kambjalijiet tal-valur unitarju ta' LM127 u li fuq l-ewwel wahda baqa' bilanc ta' LM91, enumerati minn 41387 sa 41395, accettati, skaduti, pero' mhux imhallsa.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' Gunju 2000, tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment, u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti;

Il-konvenuti ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvcenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'seba' mitt lira maltija (Lm700) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** limitatament ghas-somma ta' erba' mija u seba' liri maltija (Lm407) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**27, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**27, t'Ottubru, 2000.**